# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404

Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796

E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tlettax (13/2015) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 10 ta' Diċembru 2015, fl-4pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgha tibda kmieni. Is-sur Francis Callus, il-Viċi Sindku, kien avza qabel il-laqgħa li kellu jidħol għall-extra shift tax-xogħol u l-kunsilliera kollha kienu magħrufin bir-raġuni tan-nuqqas tal-presenza tiegħu qabel il-laqgħa.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Johan Mula | Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Joanna Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Silaine Cutajar | Ambaxxatriċi |
| SKUŻATI: | Francis Callus | Viċi-Sindku |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgha precedenti. Dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi 2 dustbins [ref punt 3.3] li hemm fil-ġnien il-Ħelsien għandhom jittieħdu f'triq San Pawl peress illi dawk illi hemm fejn l-istages huma antiki. Il-Kunsill qabel illi dawn il-bins jinbidlu izda s-Sindku qal illi l-ewwel għandna naraw jekk hemm bins tajbin għall-uzu fil-garaxx.

3.2 Is-Sindku qal illi t-tabelli ta' ĦSBC [ref punt 3.13] ta' triq San Ġwann, huma fejn għandhom ikunu.

3.3 Is-Sindku qal illi fil-verita l-banda se ddoqq din is-sena [ref punt 9.1] bl-istess ftehim tas-snin preċedenti. F'kaz illi l-Kazin tal-Banda ma jaqblux li noħorġu nofs l-ammont u nofs huma fil-futur, jew illi l-Kunsill joħroġ massimu ta' €400, il-marċ ma ssirx fiz-zmien il-Milied.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kien hemm ftehim illi huma għandhom jagħmlu l-marċ peress illi jieħdu l-qliegħ mill-Lotto Office. Wara ftit zmien, meta kien Sindku, il-Kunsill irċieva talba biex inħalsu nofs l-ispejjez u aċċetta. Qal illi ma jistax ikun illi issa nħalsu kollox meta dawn għandhom jagħtu dan is-servizz, u inizjalment dan kellu jsir mingħajr l-ebda obbligi finanzjarji għall-Kunsill.

3.4 Kien hemm qbil illi għandna niffriskaw il-linji li hemm fit-triq taċ-ċimiterju [ref punt 9.4].

3.5 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-hibiscus il-ġodda qegħdin fuq iz-zuntier tal-Knisja [ref punt 9.18].

**4. Korrespondenza**

4.1: **LESA**: Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa dwar l-emajl li rċevejna mill-LESA. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi bagħtu risposta rigward ċ-ċitazzjonijiet li ħarġu fejn il-Convenience Store wara li kien waslu ħafna lmenti fuq il-problemi eżistenti fl-area.

**5. Payment Approval Sheet**

5.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi se jmur kontra d-deċizjoni li ħa l-Kunsill fl-aħħar laqgħa fejn ħaddiem tal-IPSL se jingħata massimu ta' €100 għall-ispejjez tal-petrol kull xahar. Dan għaliex iħoss illi qegħdin nagħtu ħafna lil dan il-persuna u m'aħniex qegħdin nieħdu x-xogħol lura.
Is-Sindku fakkar illi diġa kien hemm ftehim fil-passat, u li bħala Kunsill ittieħed deċizjoni fl-aħħar laqgħa.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi dan il-ħaddiem għandu jieħu li hu tiegħu, anka ftit izjed, izda lmenta li m'aħniex qegħdin nieħdu s-servizz li hu dovut lilna għal dawn l-ispejjez. Zied illi dan se jieħu l-istess ammont li jieħdu l-kunsilliera.
Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna noqogħdu attenti għax jekk ma jiġix bil-karozza se nitilfu ħafna izjed għax l-ebda xogħol ma jsir.

5.2 Il-Payment Approval Sheet ġiet approvata u ffirmata.

## 6. Soft Areas: Tender Opening

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv, fil-prezenza tal-kunsilliera fetaħ il-kaxxa tal-offerti għat-tender għas-soft areas. Ħareġ 2 envelopes li kienu ta' dawn il-kuntratturi [ammont tat-tender se jkun miktub fil 'brackets']:

Waste Collection Limited: €6000
WMEnvironmental Limited: €7900

Is-Segretarju Ezekuttiv talab għall-izjed ħin biex jevalwa d-dokumenti tat-toroq. Kien hemm qbil illi jekk it-tnejn li huma għandhom id-dokumenti kollha meħtieġa, l-irħas wieħed jirbaħ. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi se jiltaqa mal-kuntratturi. Għal din il-laqgħa s-Sindku u l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil aċċettaw illi jattendu wkoll.

## 7. Attivitajiet tal-Milied

Is-Segretarju Ezekuttiv ta dawn l-updates:

7.1 Union Print, bħala l-irħas bidders, se jieħdu ħsieb il-fuljett. Qal illi l-messaġġi kollha waslu, izda waslu tard u għalhekk issa seta jibgħat id-dokumenti lill-kuntrattur.

7.2 Party tat-tfal: Se ssir fit-30 ta' Diċembru. Bħala entertainment l-irħas stima li rċieva kienet ta' €175. Il-kunsilliera qablu.

7.3 Ikla: L-ikla tal-istaff se tkun fit-30 ta' Diċembru. Il-post se jkun 'Il-Bukkett' [MarsaXlokk] fis-7.30pm.

7.4 Ikla tal-anzjani: James Caterers kien l-irħas 'bidder' fejn għandna nħalsu €5.25 pp u €360 għall-istaff. L-istima l-oħra ammontaw għal €13 u ieħor kien bejn €7 u €11, skond l-ikel illi wieħed jixtieq jordna.

7.5 Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi nhar is-Sibt 26 ta' Diċembru 2015 se jkun hemm ħarġa għall-Għawdex fejn se jmorru jaraw il-Presepju t'Għajnsielem.

7.6 Is-Sindku qal illi, bil-qbil tal-Kunsill, it-tnedija tad-dokumentarju se ssir fit-28 ta' Diċembru 2015. Qal illi fost il-mistednin se jkun hemm membri tal-għaqdiet, min ħadem fih, il-Ministru, is-Shadow Minister u s-Segretarju Parlamentari. Għamel talba biex il-Kunsill jieħu ħsieb l-ikel u x-xorb, waqt illi zied illi dawk illi ħadmu fil-proġett, u l-għaqdiet tar-raħal, se jieħdu DVD b'xejn.

**8. Playing Fields**

8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ura l-pjanti li rċieva minn kuntrattur rigward il-Playing Fields fejn il-grawnd tal-futbol. Zied illi mingħajr fondi m'hemmx bizzejjed flus biex isir dan il-proġett u għalhekk se ssir talba biex nuzaw il-Good Causes Fund biex nakwistaw il-fondi għal dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel unaniment. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi se jiltaqa ma' kumpaniji oħra qabel ma noħorġu tender.

**9. Kelmtejn mill-Ambaxxatriċi tal-Lokal**

9.1 Is-sinjorina Silaine Cutajar qalet illi l-Kunsill Lokali taz-Zagħzagħ ta' Ħal Safi kienu fost ir-rebbieħa għall-proġett tagħhom 'Breaking Borders'. Il-kunsilliera kollha ferħu lis-sinjorina Cutajar għas-suċċess illi kisbu bħala KLZ.

9.2 Is-sinjorina Silaine Cutajar qalet illi bħala proġett li se ssir fis-sena 2016, talli ħadu l-fondi l-KLZ, se jingħaqdu mat-tfal tal-lokal bejn 6 u 12 snin u se jgħalmuhom life-skills. Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi fost l-attivitajiet li jixtiequ jagħmlu, se jippjanaw sleepover fil-Kunsill fis-sajf.

**10. Memo 32/2015**

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif Kunsilli qegħdin jingħataw l-opportunita li persuna b'dizabilita jingħataw kariga temporarja fil-Kunsilli Lokali. Hu spjega li waqt illi dawn in-nies għandhom jingħataw opportunita, sostna li min se jieħu ħsieb l-iskema [ETC] għandhom jiċċaraw lil dawn in-nies illi x-xogħol

huwa temporarju, waqt illi qabel ma jintgħazlu l-persuni, hemm bzonn ta' laqgħat magħhom u mal-ġenituri tagħhom. Il-Kunsill approva li nibagħtu espressjoni t'interess izda bil-kundizzjonijiet tagħna.

## 11. Ħwejjeg Oħra

Is-Sindku:

11.1 qal illi rċieva talba biex kull nhar ta' Tlieta, il-librara tagħmel siegħa extra fil-librerija [9.30am-12.30pm]. Il-Kunsill qabel. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi huma l-għalliema li għal bosta ġimgħat naqsu li jibagħtu t-tfal kull nhar ta' Tlieta, u anqas ċemplu biex jgħidu lil librara. Żied illi kull siegħa li tagħmel hemm, se tagħmel siegħa inqas għax-xogħol tal-Kunsill. Spjega li m'għandux problema jekk dan l-arranġament isir, izda jixtieq illi l-librara tkun informata meta ma jkunux sejrin it-tfal. Żied illi ma tkunx l-ewwel darba li l-librara ma ħaditx leave nhar ta' Tlieta apposta minħabba l-librerija, meta kellha bzonn u dawn it-tfal xorta waħda ma dehrux. Is-Sindku għandu jinforma lill-Kap tal-iskola ħalli jikkomunikaw aħjar mal-librara.

11.2 qal illi kien hemm aċċident fejn iċ-ċimiterju ftit ilu u l-warden ma kellux ideja dwar l-isem tat-triq. Qal illi l-istoriku s-sur Paul Callus qal illi hemm huwa magħruf bħala triq il-Karwija. Il-kunsilliera qablu li nixtru tabella biex nindikaw l-isem tat-triq. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi qabel ma jibgħat purchase order se jara jekk hemm xi oġġezzjoni mill-istreet naming Committee.

11.3 irċieva talba minn persuna li għandu garaxx f'triq in-Newba, ħalli l-Kunsill jagħmel kaxxa safra barra l-garaxx tiegħu biex ħadd ma jkun jista jipparkja. Qal illi qed iressaq din it-talba biex dan il-persuna li huwa bejjiegħ tal-ħaxix ikun jista jħott. Il-Kunsill qabel.

11.4 ressaq ilment ta' residenti f'triq Ta' Ġawħar li qed jgħid illi persuna qed iħalli l-mutur tiegħu ġo parking bay. Dan il-persuna ssuġerixxa li nagħmlu motor bay. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi motor bays għandhom ikunu 2.2mtrs*1.5mtrs. Il-Kunsill ma qabilx li nneħħu l-parking bay u nagħmlu MC Bay, pero dan ir-resident għandu kull dritt jikteb lil TM f'kaz illi jidhirlu li l-parking huwa llegali.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil

11.5 qal staqsa jekk il-ġardinar mar jara s-siġra taċ-ċimiterju li għandha bzonn zabra. Is-Sindku qal illi

mar u qata sa fejn seta jilħaq.

11.6  Qal illi hemm bzonn illi nnadfu l-panelli tal-PV.

Il-kunsillier Carlo Stivala:

11.7 qal illi hemm arblu msaddad f'triq Ta' Ġawhar c/w triq San Tumas.

11.8 ħabbar illi l-Kunsill ġie t-tieni fl-MOC awards

11.9 fakkar illi hemm bzonn illi nitkellmu mad-dentist rigward il-bankina ta' triq id-Dolmen.

11.10 qal illi ltaqa ma nutritionist illi tixtieq tagħmel kors fis-sala tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi jibdew diskussjonijiet magħha.

Il-kunsilliera Joanna Abdilla:

11.11 qalet illi fis-sena 2016 tixtieq tagħmel ħafna attivitajiet, fosthom abseiling u treasure hunt. Dawn se jkunu parti mill-attivitajiet tal-proġett tal-KLZ.

Is-Segretarju Eżekuttiv:

11.12 Ressaq talba għall-approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-impjegati klerikali tal-istaff. Qal illi l-massimu huwa ta' 6% u zied illi dejjem sabhom meta kellu bzonnhom u għalhekk irakkomanda li jieħdu l-massimu. Il-kunsilliera qablu li jieħdu s-6% P.B.

11.13 Ressaq talba biex l-istaff klerikali jieħdu nofs il-paga ta' Diċembru qabel il-Milied, u l-bqija lejn l-aħħar tas-sena sabiex ikollhom xi ħaġa extra qabel il-Milied. Il-kunsilliera qablu mas-suġġeriment.

12. **Laqgħa li jmiss**

12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7pm.

12.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fl-14 ta’ Jannar 2016

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Johan Mula | Anthony Attard |